# Għal Liema President Qegħdin Nirreferu?

Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fl-1 ta' Diċembru tas-sena l-oħra, fil-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea, inkluża Malta, inħolqu karigi ġodda fl-istituzzjonijiet Ewropej, kif ukoll inbidlu xi ftit ir-responsabbiltajiet tal-irwoli li kien hemm diġà qabel l-1 ta' Diċembru. Ta' spiss tissemma "l-Presidenza tal-Unjoni Ewropea". Fil-fatt, l-UE m'għandiex president wieħed iżda jeżistu presidenti għall-istituzzjonijiet tagħha. Ta' min jinnota x'inhuma d-differenzi fl-irwoli ta' dawn il-Presidenzi fil-ħidma tal-UE.




**Il-President tal-Kunsill Ewropew - Herman Van Rompuy**

Il-Belġjan, Herman Van Rompuy huwa l-ewwel President permanenti tal-Kunsill Ewropew. Il-Kunsill Ewropew jiġbor flimkien il-kapijiet tal-Istat jew Gvern tas-27 Stat Membru tal-UE. Ġie elett unanimament minn dawn il-mexxejja f'Novembru 2009 biex jaqdi l-ħidma tiegħu minn Diċembru li għadda sal-aħħar ta' Mejju 2012. Il-mandat ta' President permanenti huwa ta' sentejn u nofs. Van Rompuy huwa responsabbli wkoll biex ifassal l-aġenda tal-Kunsill Ewropew, kif ukoll iwassal uffiċjalment ir-rapport li jkun intlaħaq waqt il-laqgħat tal-Kunsill quddiem il-Parlament Ewropew.



**Il-Presidenza tal-Kunsill Ewropew - Spanja**

Il-Presidenza tinbidel kull sitt xhur. Kull pajjiż tal-UE għandu ċ-ċans li jmexxi l-aġenda tal-laqgħat tal-Kunsill tal-Ministri (ħlief dawk tal-Affarijiet Barranin), filwaqt li jaħdem fuq il-prijoritajiet li jkun ippreżenta fil-bidu tal-mandat. Minn Jannar ta' din is-sena sal-aħħar ta' Ġunju, din ir-responsabbiltà hija f'idejn Spanja. It-Trattat jieħu hsieb li ma' kull tkabbir ta' pajjiżi membri ġodda, bħalma seħħ fl-2004 u fl-2007, il-lista tar-rotazzjoni tkun emendata. Malta jmissha l-presidenza fl-2017. F'dawk is-sitt xhur, il-koordinazzjoni u l-immaniġġjar tal-attivitajiet politiċi u leġislattivi u l-laqgħat tal-Ministri, jitmexxew minn Ministru tal-pajjiż li jkollu l-Presidenza f'idejh.



**Il-President tal-Kunsill tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin - Catherine Ashton**

Catherine Ashton, li fil-Kummissjoni preċedenti kienet il-Kummissarju responsabbli għall-kummerċ barrani, inħatret mill-mexxejja tas-27 Stat Membru biex tkun ir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin tal-UE. F'din il-kapaċità, Ashton hija wkoll il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea.



**Il-President tal-Kummissjoni Ewropea - José Manuel Barroso**

Fil-bidu ta' din is-sena, intemm il-proċess għall-ħatra tal-Kummissjoni Ewropea għall-ħames snin li ġejjin. Il-Kummissjoni reġa' għandha l-istess President, il-Portugiż José Manuel Barroso. Il-President tal-Kummissjoni jmexxi l-laqgħat tal-Membri tal-Kummissjoni u jassenja r-responsabbiltajiet lill-kummissarji u l-attivitajiet tal-istituzzjoni.



**Il-President tal-Parlament Ewropew - Jerzy Buzek**

Għal sentejn u nofs, il-Polakk Jerzy Buzek qed jokkupa l-kariga ta' President tal-Parlament Ewropew. Membru tal-Partit Popolari Ewropew, id-dmirijiet tiegħu jinkludu t-tmexxija kollha tal-Parlament u tal-korpi tiegħu, kif ukoll li jiftaħ, jissospendi u jagħlaq is-seduti.

MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee

*Indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta*
*Telefon: 2200 3300*
*Email: info.meusac@gov.mt*
*www.meusac.gov.mt*